MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Numru 147/2011

PULIZIJA
SPETTUR TREVOR MICALLEF
VS
DIEGO GRIXTI

Il- Qorti,

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Diego Grixti iben Henry u Frances nee` Pirotta, imwieled fl-20 ta' Novembru, 1985 fil-Pieta`, joqghod 21, Triq San Guzepp, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita` 590685(M) fejn gie akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta' Jannar 2011 ghal habta ta' l-erbgha u kwart ta' filghodu (04.15a.m.) fi Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 396 Saviour Baldacchino persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien

jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 396 Saviour Baldacchino, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe` nuccali tal-vista liema ammont ma jeccfedix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu ta' Euro (Euro 1,164.69) pero` jeccedi l-mija u sittax l-Euro u sebgha u erbghin centezmu ta' Euro (Euro 116.47) ghad-dannu ta' PS 396 Saviour Baldacchino.

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor.

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li biha inghata l-helsien mill-arrest.

7. fl-istess data, gewwa l-lock up tad-Depot tal-Pulizija gewwa l-Floriana, ghal habta ta' 05:30a.m. u ghal habta ta' 12:30p.m. ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1557 Jeffrey Sacco, PC 566 Joseph Camilleri u PC 880 Newel Pantalleresco, persuni inkarigti skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Talli kiser l-provvedimenti moghtija lilu mill-Qorti tal-MAgistrati ta’ Malta (Magt. Dr. A. Mizzi LL.D.) moghtija lilu nhar t-03 ta’ Frar 2009.

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f’kaz ta’ hitja tipprovdi ghal garanzija ta’ PS 396 Saviour Baldacchino, PS 1557 Jeffrey Sacco, PC 566 Joseph Camilleri u PC 880 Newel Pantalleresco skont l-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l- Artikli elenkati mill- Avukat Generali taht liema Artikli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat (fol 67).

Rat il-verbal tad-9 ta’ Frar 2011 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu ghajr ghat-tielet akkuza, ghal-liema akkuza l-imputat ammetta ghal hsara involontarja.

Semghet il-konferma ta’ tali amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

L-imputat ammetta ghal akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, inkluz attakk u rezistenza kontra l-pulizija, offiza, theddid u ingurja fuq il-pulizija, ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, nuqqas ta’ obbidjenza ghall-ordnijiet tal-pulizija, u ksur tal-kundizzjonijiet tad-digriet tal-liberta` provizorja, ingurji u theddid u jew offiza fuq tlett membri ohra tal-pulizija.  Ghar-rigward tat-tielet akkuza l-imputat ammetta

biss ghall-hsara involontarja. Hija din l-akkuza illi l-Qorti sejra tezamina.

Illi mill-provi, b'referenza specjali ghax-xhieda ta' PS 396 Saviour Baldacchino (fol 56 et seq.) jirrizulta b'mod car illi waqt argument shun quddiem il-club Axis, il-pulizija intervjenew sabiex izommu l-bon ordni. L-imputat ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija u pprova kemm il-darba jerga' jissokta jiggieled. Meta l-pulizija baqghu jrazznuh, l-imputat qabad jinsulentahom bi kliem vulgari, stidinhom ghall-glied u heddidhom. Fil-kors ta' din ir-resistenza, in-nuccali ta' PS Baldacchino tar, waqa' mal-art u nkiser.

Illi mir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri kif ukoll mix-xhieda tieghu, jirrizulta illi l-griehi hfief tal-pulizija kienu kompatibbli ma resistenza tal-pulizija u mhux tas-swat fuq l-istess pulizija. (ara xhieda a fol 20 u r-relazzjoni tieghu Dok MS).

Mill-assjem ta' dawn il-provi jirrizulta b'mod car illi l-kaz jinkwadra komodament fil-parametri ta' hsara **involontarja** u mhux dik volontarja. Il-Prosekuzzjoni in oltre ippruvat sodisfacentement il-quantum tal-hsara imwettqa mill-imputat li min-naha tieghu hallas il-pendenzi kollha fil-mori tal-kawza.

Ghar-rigward tas-sitt akkuza u cioe` dik li tikkoncerna l-ksur tad-digriet tal-liberta` provvizorja kif indikat fl-akkuza, ghalkemm l-imputat ammetta wkoll ghal din l-akkuza, il-Qorti ma tistax issib il-htija. Dan qieghed jinghad ghaliex ghalkemm gie esebit id-digriet indikat fl-akkuza u cioe` dak tal-Magistrat Dr Doreen Clarke, l-Avukat Generali naqas illi jelenka l-Artiklu 579 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-Artikli mibghutin lill-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames, is-seba', t-tmin u d-disgha akkuza, b'assorbiment ghal fini ta' piena tal-hames u s-sebgha akkuza, mhux hati tat-tielet akkuza izda hati tal-akkuza minuri ta' hsara involontarja, mhux hati tas-sitt akkuza li minnha tilliberah, u wara li rat l-Artikoli 18, 95, 96, 338 (ee) (dd) (m), 49 50, u 328 tal-Kap 9, Artiklu 7 u

22 tal-Kap 446 tikkundanna lill-imputat ghal erba’ xhur prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta’ f’arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------